Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 489/1997/1

Paul Grixti
vs
Malta  International Airport Company Limited u b'digriet tat-2 ta' Marzu 1999 giet korretta ghal Malta International Airport plc

Illum 28 ta' Ottubru 2004

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors tar-rikorrent ipprezentat fis-16 ta' Settembru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fil-perjodu bejn l-1992 u l-15 ta' Mejju 1995 ir-rikorrent sofra ngustizzja billi minghajr ebda raguni valida hu gie eskluz minn kull promozzjoni fi hdan il-kumpanija intimata.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Fil-21 ta’ Marzu 1986 ir-rikorrent gie mahtur Management Duty Officer fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili. Meta giet iffurmata l-Malta International Airport Company Limited fis-16 ta’ Mejju bil-ghan illi din is-socjeta` tiehu f’idejha t-tmexxija ta’ ‘l-Air Terminal’ mill-‘Air Terminal Department’. Ir-rikorrent issieheb mas-socjeta` intimata. Is-socjeta` kienet avzat illi b’effett mill-1 ta’ Jannar 1992 kellhom jimtlew numru ta’ ‘vacancies’. Fil-kaz ta’ impjegati li applikaw ghal xi kariga simili ghal dik li kellhom fl-Air Terminal Department is-seniority li huma kellhom f’dak il-grad partikolari kellha tigi rispettata. In linea ta’ promozzjonijiet pero` dan il-kriterju gie imwarrab kompletament meta tul l-1993 gew promossi ghadd ta’ nies filwaqt illi r-rikorrent flimkien ma nies ohrajn kienu eskluzi indebitament u bi ksur tal-ftehim kollettiv ta’ l-4 ta’ Dicembru 1992 u dak tat-2 ta’ Frar 1996. Ir-rikorrent u persuni ohrajn sa minn l-1 ta’ Jannar 1992 kienu qeghdin jaqdu dmirijiet ta’ “Customer Care and Operations Officers”, u minn zmien ghal zmien is-socjeta` intimata kienet izzid fid-dmirijiet li kellhom jizvolgu ir-rikorrent u l-persuni msemmija. B’danakollu nonostante il-mili ta’ postijiet fi promozzjoni li baqa jsehh sa l-1995 ir-rikorrent baqa’ fl-istess pozizzjoni originali bhala grad billi baqa’ jigi eskluz minn kull promozzjoni minghajr raguni valida u ngustament ghaliex haddiehor kien qieghed jigi preferut indebitament.

Illi madwar hames xhur qabel l-elezzjoni r-rikorrent gie trasferit il-Heliport gewwa Ghawdex biex b’hekk jieqaf mir-resistenza li kien kontinwament qieghed jaghmel mal-Management sabiex l-ingustizzji li kienu qeghdin isiru mieghu u ma shabu jigu regolarizzati. Fil-perjodu imsemmi r-rikorrent kien shop steward u delegat tal-GWU.

Illi r-rikorrent xtaq igib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-iment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata

rimedju billi jigi promoss ghall-grad ta' "Duty-Executive/Executive" jew il-post ta' Senior Officer kif fil-prezent spiccat is-sejha originali ta' "Duty Executive" mahruga fl-10 ta' Novembru 1994, mas-socjeta` intimata jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi kkompensat billi jithallas ammont mhux eccedenti l-Lm5000 kif jidhirlu xieraq it-Tribunal fic-cirkostanzi.

Ra l-elenku tax-xhieda,  flimkien mad-dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET**
Ra r-risposta tas-socjeta` intimata fejn wiegbet illi:

1. Illi preliminarjament, dawn il-proceduri fil-konfront taghha huma nulli stante illi l-kumpanija li giet notifikata bil-fuq imsemmi rikors kien jisimha "Malta International Airport Limited" u qatt "Malta International Airport Co. Ltd." u mill-1 ta' Awissu 1997 l-istess kumpanija kkonformat ma' l-Att tal-1995 dwar il-Kumpaniji (Att XXV,1995) u minn dik id-data isem il-kumpanija intimata issa hija "Malta International Airport plc" (Dok 1)

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost apparti l-fatt illi dak ir-rikorrent qieghed isejjahlu "Customer Care and Operation Officers" qatt ma ezistew izda kien u ghadu jezisti l-grad ta' "Officer" u apparti l-fatt illi dak li r-rikorrent qieghed isejjahlu "id-Dipartiment ta' Customer Care and Operatons" qatt ma ezista izda kien u ghadu jezisti "Marketing and Operations Department" jigi rilevat li s-socjeta` intimata giet inkorporata fis-16 ta' Mejju 1991 (Dok 2) u minn dik id-data sal-15 ta' Mejju 1997 ma saret ebda promozzjoni li kien applika ghaliha r-rikorrent, li seta' jigi kunsidrat ghaliha skond il-kwalifiki mitluba fis-sejha ghall-applikazzjonijiet u ma gietx moghtija lilu.

3. Illi r-rikorrent qieghed jirreferi ghall-mili tal-post ta' Customer Care Executive u esebixxa s-sejha ghall-applikazzjonijiet bhala Dokument 1D izda minghajr ma wiehed joqghod jidhol fil-merti tar-rikorrent fil-konfront tar-rekwiziti tas-sejha irid jinghad li, skond din l-istess sejha l-applikant ried ikollu "a *standard of education not below*

*GCE"A" level or equivalent"* mentri r-rikorrent lanqas biss ghandu "O" *level standard of education."*

4. Illi r-rikorrent ilmenta li ghal dak li jirrigwarda promozzjonijiet matul 1993 huwa flimkien ma nies ohrajn kien (sic!) eskluz indebitament u bi ksur tal-ftehim kollettiv ta' l-4 ta' Dicembru 1992 u dak tat-2 ta' Frar 1996. Apparti l-fatt li r-rikorrent jonqos bl-aktar mod lampanti, li jghid kif il-ftehim kollettiv ta' l-4 ta' Dicembru 1992 kien qieghed jigi miksur mhux facli wiehed jifhem kif fil-1993 kien gia qieghed jinkiser ftehim li kien ghad irid jigi fis-sehh u cioe` fit-2 ta' Frar 1996.

5. Illi fid-dghadija aktar milli biex jilmenta izda aktar biex jghajjar ir-rikorrent isemmi l-promozzjonijiet li saru fl-1993 u esebixxa id-Dokument 2A f'dan il-kuntest. Izda minn dan id-dokument ma jirrizultax li saret xi promozzjoni ghal xi grad ghola minn dak li kien jokkupa r-rikorrent. Allura x'ingustizzja sofra ir-rikorrent? Ghal li jista' jkun ried jigi "promoss" ghal xi grad inqas biex ma jsofrix ingustizzja?

6. Illi huwa veru li fl-ahhar imsemmi dokument hemm referenza ghal *Senior Executive II* izda dan biss fil-kuntest ta' ristrutturazzjoni ta' dak li dak iz-zmien kien maghruf bhala l-Executive Grade ghal liema grad kif gia gie suespost kien mehtieg livell ta' edukazzjoni "A" standard li r-rikorrent certament ma kellux.

7. Illi r-rikorrent ilmenta wkoll illi "madwar hames xhur qabel l-elezzjoni" huwa gie trasferit il-Heliport ta' Ghawdex. Kien precizament f'Gunju 1995 li r-rikorrent u impjegati ohra fil-grad tieghu gew assenjati jaghmlu xi xoghol relatat mal-grad taghhom ghal xi perjodu qasir fil-Heliport ta' Ghawdex malli dan gie inawgurat u sakemm saru l-arrangamenti mehtiega biex jigu ngaggati nies permanenti Ghawdxin. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak kollu li qieghed jallega u jinsinwa r-rikorrent, dan il-pass kien ghal zmien qasir u strattament relatat ma l-esigenzi tas-servizz. Fi kwalunkwe kaz, dan gara wara l-15 ta' Mejju 1995 cioe' barra z-zmien li ghalih huwa applikabbli l-Att VIII tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ghall-Ingustizzji li tahtu qeghdin isiru dawn il-proceduri.

8. Illi fir-rikors tieghu u partikolarment f'xi dokumenti esibiti r-rikorrent issa qieghed jilmenta li huwa sofra l-ingustizzji kollha li qieghed jghid li sofra minhabba il-kulur politiku li issa qieghed jghid li jhaddan. Il-kumpanija intimata cahdet bl-aktar mod kategoriku li ttiehdu xi kunsiderazzjonijiet ta' natura ohra hlief dawk ta' mertu disposizzjoni addattament u kwalifiki. Fil-verita u apparti minn dan kollu, fuq il-post tax-xoghol, ir-rikorrent kien juri apertament li politikament ma kienx fejn illu jghid li qieghed!

9. Illi r-rikorrent talab li dan it-Tribunal jaghtih rimedju li "jigi promoss ghall-grad ta' Duty Executive/Executive jew il-post ta' Senior Officer kif fil-prezent spiccat is-sejha originali ta' Duty Executive mahruga fl-10 ta' Novembru 1994". Ghandu jigi rilevat illi ghalkemm il-kumpanija intimata kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet interni ghall-post ta' Duty Executive fis-27 ta' Jannar 1995 u mhux fl-10 ta' Novembru 1994. (Dokument 3F esibit mill-istess rikorrent) din is-sejha giet irtirata b'cirkolari tat-12 ta' Gunju 1995. (Dokumenti 4A u 4B mar-rikors) u sostitwita b'sejha ohra ghal Senior Officer ukoll datata 12 ta' Gunju 1995. Dan sar wara li c-Chairman tal-kumpanija intimata sejjah laqgha ghall kull min kien involut. Ir-rikorrent attenda ghal din il-laqgha u qabel ma kull ma sar. Fi kwalunkwe kaz dan ukoll gara wara l-15 ta' Mejju 1995 cioe' barra z-zmien li ghalih huwa applikabbli l-Att VIII tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji li tahtu qeghdin isiru dawn il-proceduri;

10. Ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohra li jistghu jirrizultaw waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri hu sottomess li t-talba rikorrenti hija nfondata w ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti mill-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qieghed jilmenta minn diskriminazzjoni fil-konfront tieghu mis-socjeta` intimata fl-ghoti ta' promozzjonijiet illi saru fl-1982 u talab illi jigi promoss ghal Duty Executive/Executive jew inkella Senior Officer. Irrizulta illi fil-mori ta' din il-kawza b'effett mill-20 ta' April 1988 ir-rikorrent gie promoss ghal grad ta' Senior Officer u ghalhekk b'verbali tat-2 ta' Marzu 1999 (fol 20) u dak tas-6 ta' Novembru 2003 (fol 158) illimita t-talba tieghu ghal kumpens finanzjarju peress li ma giex promoss fi zmien illi kellu jigi promoss.

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent kien originarjament impjegat mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili u fil-21 ta' Marzu 1987 gie mahtur bhala Manager Duty Officer. Meta giet ffurmata l-MIA fis-16 ta' Mejju 1991 assorbit il-haddiema kollha li kien hemm mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili u rrikonoxxit ukoll is-seniority illi kien hemm dak iz-zmien. Fl-1993 gew promossi ghadd ta' nies izda r-rikorrent baqa' dejjem jigi eskluz u baqa' jokkupa l-kariga ta' 'Customer Care and Operations Officer' sa mill-1 ta'Jannar 1992. Ir-rikorrent jilmenta li l-promozzjonijiet baqghu isiru sa l-1995 u kien hemm xi zmien li gie wkoll trasferit fil-Heliport ta' Gahwdex. Ilmenta li dan kollu sar b'vendikazzjoni peress li huwa kien shop steward u attivist mal-General Workers Union. Kif diga inghad, peress illi llum ir-rikorrent inghata l-promozzjoni li huwa xtaq, illimita t-talba tieghu ghal kumpens. A fol 61 esebixxa prospett fejn qed jitlob it-talba ta' Lm15,232. Naturalment it-Tribunal ma jistax jakkorda din ic-cifra anki jekk gustifikata peress illi l-limiti ta' gurisdizzjoni tieghu huwa ta' Lm5,000 kif stabbilit bl-Att VII tal-1997.

Ikkunsidra

Illi l-ilmenti tar-rikorrent bdew wara cirkolari li harget is-socjeta` intimata fis-27 ta' Novembru 1991 (fol 30) fejn infurmat lil haddiema taghha illi kienu ser jintlew diversi vakanzi skond il-lista ppublikata fl-istess cirkulari, fejn inghad ukoll illi s-seniority illi kien jezisti fid-Dipartiment

tal-Avjazzjoni Civili ser jigi rispettat. Ir-rikorrent jghid illi huwa kien wiehed mis-Senior Officers u ghalhekk ippretenda illi kellu jiehu promotion pero` ma dhallix japplika ghal dawn il-vakanzi peress li ma kellux l-A level rikjest min tali sejha. Ir-rikorrent jallega illi lehqu xi Executives ta' l-istess grad tieghu li ma kellhomx A levels. Semma fost ohrajn lil Vince Farrugia, Oswald Tanti, David Cassar, Anton Charlo u Joseph Schiavone (fol 86). Din hi akkuza serja li pero` bl-ebda mod ma giet ippruvata, mhux hekk talli Alfred Mangion a fol 141 in rapprezentanza tas-socjeta` intimata cahad b'mod kategoriku li dawn in-nies ma kienux kwalifikati, qal ukoll li kien hemm xi Executives ohra li hadu promozzjoni illi barra A level kellhom degree.

Ir-rikorrent jaghmel ukoll referenza ghal cirkulari illi harget fis-27 ta' Dicembru 1993 (fol 43) u qal li fiha kien hemm lista ta' nies li gew promossi li kienu tal-grad inferjuri minnu illi pero` dhalla barra. Alfred Mangion ukoll jaghmel referenza ghal dan ic-cirkulari illi jirreferi ghalih bhala messagg ta' l-ahhar tas-sena u jghid "l-ebda promozzjoni illi hawn f'din il-lista s-Sur Grixti ma seta' japplika ghaliha fis-sens illi kienu ta' grad inferjuri ghal dak illi kien japplika hu. Semma wkoll illi dan kien messagg ta' awgurju ta' l-ahhar tas-sena sabiex isir kuragg ghal haddiema ghal aktar sforzi s-sena ta' wara." Fil-fatt it-Tribunal ezamina l-gradi ta' dawn in-nies u verament irrizulta illi huma kollha ta' grad anqas minn dak illi kellu r-rikorrent hlief ghal erbgha fit-tieni pagna illi huma grad ta' Executives illi ma setax japplika ghaliha r-rikorrent dak iz-zmien minhabba nuqqas ta' kwalifiki.

F'xi zmien fl-1993 saret ukoll ri-istrutrazzjoni tal-Kumpanija fejn giet introdotta l-kariga ta' Senior Executive II. Ghall-habta ta' Jannar 1995 harget applikazzjoni ghal grad ta' Executive u r-rikorrent applika ghaliha, izda minkejja li saru applikazzjonijiet il-Kumpanija ddecidiet illi ma tkomplix bil-process sabiex tigi introdotta l-kariga l-gdida ta' Senior Officer. Ir-rikorrent rega' applika fit-12 ta'Gunju 1995 izda dan jigi barra t-terminu li ghalih ghandu gurisdizzjoni it-Tribunal u ghalhekk mhux il-kaz li jikkunsidra din l-applikazzjoni.

Ir-rikorrent ilmenta li gie mibghut il-Heliport Ghawdex bhala vendikazzjoni minhabba l-kulur politiku tieghu. Apparti l-fatt illi rrizulta illi ntbaghat il-Heliport f'Gunju 1995 ukoll barra z-zmien ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, bl-ebda mod ma rrizulta illi din saret minhabba l-kulur politiku tieghu. Kif spjega tajjeb Alfred Mangion f'xhieda ohra mill-Atti kien necessarju illi jintbaghatu xi haddiema f'dan it-Terminal sabiex jigi operat sakemm jinstabu nies minn Ghawdex. Il-mawra tar-rikorrent f'Ghawdex kienet wahda limitata ghal zmien definittiv u wara rega ngieb lura. Mhux il-kaz li t-Tribunal jikkunsidra oltre dan it-transfer peress li kif jirrikonoxxi l-istess rikorrent dan sar marginalment barra z-zmien tal-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

It-Tribunal lest li jirikonoxxi illi r-rikorrent ma kellu l-ebda diffikultajiet partikolari biex jizvolgi bl-ahjar abilita` tieghu d-doveri illi kien moghti. Mhux hekk biss jidher ukoll illi ghandu relazzjonijiet inter personali tajbin. Pero` b'daqshekk ma jfissirx li huwa seta' awtomatikament ikun konsiderat ghal xi promozzjoni jekk huwa ma jikkwalifikax teknikament u akkademikament ghal din il-pozizzjoni. It-Tribunal jaqbel ma l-assessment illi ghamel Alfred Mangion a fol 153 fejn fost affarijiet ohra jghid "ghalhekk apparti d-darbtejn illi applika cioe` ghal 'Customer Care Officer' f'pozizzjoni li kien bhala u ghal post li gie mhabbar fl-ewwel sitt xhur ta' l-1995 bhala terminu imsemmi fil-ligi ma kien hemm l-ebda okkazzjoni fejn applika ghal xi pozizzjoni u gie maghzul xi haddiehor floku jew saret xi ghazla – ma setax ghaliex ma kienx hemm applikazzjonijiet kif rajna diga mic-cirkulari mahruga pubblika illi kienu fuq il-grad tieghu." Ghalhekk it-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni li fil-limiti ta' gurisdizzjoni tieghu u cioe` bejn l-1992 u l-15 ta'Mejju 1995 ma kienx sar xi Att ta' diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent u ma ssib xejn x'ticcensura fl-operat tas-socjeta` intimata f'dan iz-zmien. Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------